



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 15.12.2006
KUMM(2006) 806 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-
PARLAMENT EWROPEW**

**Ir-rapport ta' kull sentejn dwar il-Qafas Speċjali ta' Assistenza għall-fornituri
tradizzjonali ta' l-AKP tal-banana**

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Ir-rapport ta' kull sentejn dwar il-Qafas Speċjali ta' Assistenza għall-fornituri tradizzjonali ta' l-AKP tal-banana

1. INTRODUZZJONI

L-importazzjonijiet tal-banana fil-Komunità Ewropea kienu tradizzjonalment regolati b'sistema ta' kwoti bi trattament preferenzjali qawwi għall-banana mill-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP). Kien hemm ħafna nuqqas ta' qbil fuq din il-kwistjoni fis-snin disgħin u fil-bidu tas-snin 2000. Dak iż-żmien kienu saru tibdiliet varji fis-sistema tal-kwota (fl-1998 u fl-2001), u fl-aħħar din is-sistema nbidlet f'waħda ta' tariffi biss li bdiet fl-1 ta' Jannar 2006.

Sabiex tingħata għajjnuna lit-tnax-il fornitur tradizzjonali tal-banana ta' l-AKP jlaħħqu mal-modifiki fl-arranġamenti kummerċjali, twaqqaf Qafas Speċjali ta' Assistenza (SFA) fl-1999, iffinanzjat minn linja baġitarja dedikata. Dawn il-ħames pajjiżi Afrikani u s-seba' pajjiżi tal-Karibew li ġejjin kienu l-fornituri tradizzjonali u allura l-benefiċjarji ta' l-SFA:

Il-Beliże, il-Kamerun, Kap Verde, Dominika, il-Grenada, il-Kosta ta' l-Avorju, il-Ġamajka, il-Madagaskar, Santa Luċija, San Vincenz u l-Grenadini, is-Somalja, u s-Surinam

Dan il-qafas jipprovdi appoġġ tekniku u finanzjarju għall-proġetti speċifiċi ppreżentati mill-pajjiżi konċernati, ibbażat fuq strateġija fit-tul li l-Kummissjoni kienet qablet magħha u approvat minn qabel. L-allokazzjonijiet lill-pajjiżi individwali huma kkalkulati fuq bażi annwali wara li jkunu kkunsidrati żewġ kriterji, jiġifieri d-differenza fil-kompetittività osservata meta mqabbla mal-fornituri mill-pajjiżi terzi u l-importanza tal-produzzjoni tal-banana għall-ekonomija tal-pajjiż ta' l-AKP konċernat. Il-baġit annwali gradwalment naqas minn €44.5 miljun fl-1999 għal €30.7 miljun fl-2006. Bejn l-1999 u l-2003 l-metodu għall-allokazzjoni nħoloq b'tali mod li daww il-pajjiżi li jsofru minn nuqqas akbar ta' kompetittività u li s-settur tal-banana tagħhom jikkontribwixxi aktar għat-total tal-PGD ngħataw appoġġ akbar. Mill-2004, għandu jkun applikat tnaqqis massimu ta' 15% fl-allokazzjonijiet nazzjonali meta jsiru l-kalkoli, u r-rata għandha tkun aktar baxxa għal daww il-pajjiżi li saru aktar kompetittivi.

2. BAŻI ĠURIDIKA

Fit-22 ta' April 1999 il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 856/1999¹ li jistabbilixxi Qafas Speċjali ta' Assistenza għall-fornituri tradizzjonali ta' l-AKP li jipprovdu l-banana. Fit-22 ta' Lulju 1999 il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Nru 1609/1999² li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tiegħu.

L-ġenerali ta' l-iskema hu li titjieb il-kompetittività tal-produzzjoni tradizzjonali tal-banana ta' l-AKP, jew, jekk dan mhux aktar fattibbli, li jappoġġa d-diversifikazzjoni. Fil-qosor, l-għan hu li tinkiseb din il-mira billi jkunu ffinanzjati proġetti mfassla.

- Biex ikabbru l-produttività,
- Biex itejbu l-kwalità
- Biex il-produzzjoni u l-*marketing* jkunu adattati skond l-istandards ta' kwalità Komunitarji,
- Biex ikunu stabbiliti għaqdiet tal-produtturi li jiffokaw fuq it-titjib fil-*marketing* kif ukoll l-iżvilupp ta' metodi ta' produzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, inkluż id-dħul tal-banana f'suq ġust,
- Biex ikunu żviluppati strateġiji ta' mfassla biex jissodisfaw il-ħtieġa ta' l-organizzazzjoni komuni tal-KE tas-suq tal-banana,
- Biex tingħata għajnuna lill-produtturi tal-banana biex jiżviluppaw metodi ta' produzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, inkluż id-dħul tal-banana f'suq ġust,
- Biex jingħata appoġġ lid-diversifikazzjoni kulfejn il-kompetittività fis-settur tal-banana ma tkunx sostenibbli.

Fl-2005 u fl-2006 il-linja baġitarja ammontat għal €34.5 u €30.7 miljun, rispettivament. Id-Deċiżjonijiet rilevanti tal-Kummissjoni li jiffissaw l-ammonti (indivdwali) disponibbli fl-2005 u fl-2006 kienu adottati fid-29 ta' April 2005³ u fil-31 ta' Marzu 2006⁴. Il-formula ta' allokazżjoni għall-pajjiżi individwali hi bbażata fuq żewġ kriterji: id-differenza fil-kompetittività bejn kull pajjiż ta' l-AKP u l-fornituri tal-banana tal-Pajjiżi Terzi u l-importanza tas-settur għall-ekonomija ta' kull benefiċjarju. Fir-rigward ta' l-ewwel kriterju, il-valutazzjoni msemmija fis-sezzjoni 7 kkonkludiet li l-għażla tal-prezzijiet tas-CIF bħala għodda biex titkejjel il-kompetittività għandha xi nuqqasijiet għaliex mhux neċessarjament tirrifletti b'mod sħiħ id-differenza fil-kompetittività bejn il-fornituri ta' l-AKP u n-Nazzjon l-Aktar Favorit (MFN).

¹ ĠU L 108, 27.4.1999, p.2.

² ĠU L 190, 23.7.1999, p. 14.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C/2005/1303

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C/2006/1137

L-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill jispeċifika li *"sal-31 ta' Diċembru 2000, u kull sentejn minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport, akkumpanjat minn proposti jekk hu xieraq, dwar it-tħaddim ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill"*. Ir-rapport preżenti jkopri s-snin 2005 u 2006. Ir-rapport preċedenti, li kopra is-snin 2003 u 2004, ħareġ fil-21 ta' Diċembru 2004⁵.

3. INFORMAZZJONI DWAR IS-SUQ

Fl-2005 kienu kkounsmati 4 371 324 tunnellata banana fil-KE, li minnhom 3 722 949 tunnellata kienu importati u 648 375 tunnellata kienu prodotti internament, biex b'hekk il-KE saret it-tieni l-akbar suq ta' importazzjoni fid-dinja, wara l-Istati Uniti (3 824 409 tunnellati). Kważi l-banana kollha importata fl-Istati Uniti fl-2005 orġinat mill-Amerika t'Isfel (il-banana ta' l-AKP tirrapreżenta biss 4 437 tunnellata jew 0.12% ta' l-importazzjonijiet totali).

F'kuntrast, il-KE hi fornuta minn tliet gruppi differenti: l-Amerika t'Isfel, l-AKP u l-produtturi tal-KE. Fl-2005, 79.5% ta' l-importazzjonijiet fil-KE kien mill-Amerika t'Isfel filwaqt li l-20.5% li jifdal ġie mill-AKP. Il-fornituri ewlenin mill-Amerika t'Isfel lill-KE fl-2005 kienu l-Ekwador, il-Kolombja u l-Kosta Rika, b'1 059 245 tunnellata, 878 229 tunnellata u 623 468 tunnellata, rispettivament. Fl-istess perjodu, il-fornituri ewlenin ta' l-AKP lill-Komunità kienu: il-Kamerun, il-Kosta ta' l-Avorju u r-Repubblika Domenikana, li esportaw 253 349 tunnellata, 183 397 tunnellata u 144 683 tunnellata, rispettivament.

Mill-1 ta' Jannar 2006, il-KE mmodifikat ir-reġim ta' importazzjoni tagħha. Fl-ewwel sitt xhur ta' l-2006, il-prezzijiet tal-banana kollha (mill-Amerika t'Isfel, l-AKP u l-KE) kienu anqas minn dawk ta' l-2005, għalkemm f'livell komparabbli għal dak ta' l-2004.

4. IR-REĠIM KUMMERĊJALI TAL-KE

Mill-1 ta' Jannar 2006, il-KE bdiet tapplika reġim ta' importazzjoni ġdid għall-banana li jikkonsisti f'tariffa MFN ta' €176/tunnellata u kwota ta' rata ta' tariffa bla dazju ta' 775 000 tunnellata għall-banana ta' orġini AKP. Dan ir-reġim il-ġdid huwa b'rispett lejn l-impenji tal-KE biex mill-2006 tgħaddi mis-sistema ta' kwota preċedenti għal reġim purament tariffarju. Ir-reġim jikkunsidra wkoll żewġ sentenzi arbitrazzjoniarbitrali ta' l-2005 fuq il-livell tariffarju proposti mill-KE, li ngħataw wara proċedura ta' arbitrazzjoni speċjali tad-WTO stabbilita fl-Anness tad-Deroga fir-rigward tal-Ftehim ta' Cotonou.

Il-KE impenjat ruħha biex issegwi mill-qrib l-impatt tar-reġim il-ġdid fuq l-importazzjonijiet ta' orġini differenti sabiex tiżgura li żżomm kondizzjonijiet ta' aċċess għas-suq ekwivalenti għal dawk tar-reġim preċedenti.

⁵ COM(2004) 823 finali

F'dak li jikkonċerna l-fornituri ta' l-AKP, ir-reġim kummerċjali finali għall-banana se jkun kopert mill-Ftehimiet ta' Partenarjat Ekonomiku (EPAs) li bħalissa qed ikunu negozjati bejn il-KE u l-AKP u skedati li jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008.

5. DEĊIŻJONIJIET FINANZJARJI

5.1. Linja baġitarja 2005

Il-Proposti Finanzjarji sottomessi mit-tnax-il benefiċjarju kollha kienu approvati mill-kumitat ta' l-EDF f'Novembru 2005. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjonijiet ta' Finanzjament korrispondenti f'Diċembru 2005 u l-Ftehimiet ta' Finanzjament kienu ffirmati fl-ewwel nofs ta' l-2006. L-ammont totali tal-Ftehimiet ta' Finanzjament kollha kien ta' €34.5 miljun, li jirrapreżenta tnaqqis ta' 7.5% mir-riżultat tal-baġit għall-2004.

Fil-programmi maqbula, 48% tal-fondi se jservu biex tittejjeb il-kompetittività tas-Settur ta' l-esportazzjoni tal-Banana f'sitt pajjiżi. Madwar 52% tal-fondi se jiffinanzja d-diversifikazzjoni fi tmien pajjiżi ta' l-AKP. L-Anness 1 jipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata lejn id-distribuzzjoni ta' fondi bejn iż-żewġ għanijiet ewlenin ta' l-iskema.

5.2. Linja baġitarja 2006

Il-Proposti ta' Finanzjament imressqin mit-tnax-il pajjiż benefiċjarju kollha kienu approvati mill-kumitat ta' l-EDF f'Ottubru 2006. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjonijiet ta' Finanzjament korrispondenti f'Diċembru 2006. Il-Ftehimiet ta' Finanzjament kollha huma mistennija li jkunu ffirmati fl-ewwel nofs ta' l-2007. L-ammont ġenerali ta' dawn il-12-il Ftehim ta' Finanzjament kien ta' €30.7 miljun, li jirrapreżentaw tnaqqis ta' 11% mill-baġit għall-2005.

Fil-programmi maqbula, 39% tal-fondi se jservu biex itejbu l-kompetittività tas-Settur ta' l-esportazzjoni tal-banana f'ħames stati ta' l-AKP. Madwar 61% tal-fondi se jservu għad-diversifikazzjoni f'disa' Stati benefiċjarji ta' l-AKP. L-Anness 1 jipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata lejn l-allokazzjoni tal-fondi bejn iż-żewġ għanijiet ewlenin tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 856/1999. It-Tabella 1 tagħti ħarsa ġenerali lejn l-allokazzjoni tal-fondi ta' dawn l-għanijiet matul iż-żmien filwaqt li t-Tabella 2 turi dan skond il-pajjiż.

6. IMPLIMENTAZZJONI

6.1. Twettiq amministrattiv ġenerali tal-programmi

L-introduzzjoni tar-regoli finanzjarji l-ġodda kellha effett profond fuq il-modalitajiet ta' l-eżekuzzjoni tal-programmi kollha ffinanzjati mil-linja baġitarja. Matul l-2005 u l-2006 ħafna mill-addattamenti meħtieġa għal dawn il-modalitajiet tlestew. Dawn inkludew l-estensjoni b'24 xahar tal-validità ta' ħafna mill-programmi deċiżi qabel l-2003.

Ir-riżultati ta' l-ewwel eżerċizzju ta' verifika fl-2004 taħt l-Artikolu 164 tar-Regolament Finanzjarju wassal biex 10 pajjiżi jagħżlu mod parzjalment deċentralizzat għall-ġestjoni tal-programm, filwaqt li fiż-żewġ pajjiżi li baqa' l-programmi kienu se jkunu implimentati permezz ta' ġestjoni ċentralizzata. Dawn il-modalitajiet kienu adottati għall-programmi deċiżi għas-snin baġitarji 2003, 2004, 2005 u għall-programm propost għall-2006, bl-eċċezzjoni tal-Beliże li qiegħda taqleb għal mod ta' ġestjoni parzjalment deċentralizzata. Għall-programmi implimentati taħt ġestjoni ċentralizzata (il-Beliże, il-Grenada, is-Surinam, il-Kamerun u s-Somalja) il-Kummissjoni qiegħda tipprepara l-kuntratti kollha u tħallas l-pagamenti kollha. Għall-programmi implimentati taħt ġestjoni parzjalment deċentralizzata (il-Ġamajka, Dominika, Santa Luċija, San Vincenz u l-Grenadini, Kap Verde, il-Kosta ta' l-Avorju, il-Madagaskar) parti mill-programm hu implimentat mill-Awtorità Kontraenti indikata fil-Ftehim ta' Finanzjament fuq il-bażi ta' l-Estimi tal-Programm. Il-Kummissjoni tapprova l-Estimi tal-Programm u tikkontrolla *ex-ante* l-proċeduri kontraenti għall-kuntratti >50 000 euro u *ex-post* għall-kuntratti <50 000 euro. Permezz ta' l-Estimi tal-Programm, il-ħlasijiet huma deċentralizzati għall-ispejjeż operattivi u kuntratti fuq skala żgħira sal-limiti li ġejjin:

Xogħlijiet	Provisti	Servizzi	Għotjiet
< €300 000	< €150 000	< €200 000	≤ €100 000

Għall-kuntratti mhux koperti mill-Estimi tal-Programm, il-Kummissjoni tikkontrolla *ex-ante* l-proċeduri kontraenti għall-kuntratti >50 000 euro u *ex-post* għall-kuntratti <50 000 euro u toħroġ il-pagamenti.

Matul l-2005 ir-responsabbiltà għall-programmi ta' l-Istati benefiċjarji kollha ta' l-AKP kienet devoluta għad-Delegazzjonijiet rispettivi. F'Awissu 2005, dan l-eżerċizzju tlesta, u kkontribwixxa ħafna favur it-titjib ta' l-eżekuzzjoni tal-programmi kemm f'termini ta' kwantità (kuntratti ffirmati) kif ukoll f'termini ta' kwalità. Id-Delegazzjonijiet involuti huma l-Ġamajka (il-Ġamajka u l-Beliże), il-Barbados (Dominika, Santa Luċija, San Vincenz u l-Grenadini u l-Grenada), il-Kosta ta' l-Avorju u l-Kamerun, il-Kenja (is-Somalja) u l-Madagaskar kif ukoll l-uffiċċi fis-Surinam u Kap Verde.


6.2. Titjib fil-Kompetittività

Il-proġetti mmirati għall-kompetittività ta' l-esportaturi tal-banana komplew f'dawk il-ħames pajjiżi li appoġġaw dan l-għan matul l-2002-2004. Għall-2005 u l-2006, dawn il-programmi jinkludu:

- It-tiġdid tal-pjantaġġuni fil-Beliże, il-Kamerun, il-Ġamajka u s-Surinam. Fil-Ġamajka l-pjantaġġuni intlaqtu b'mod qawwi minn urugani kemm fl-2004 kif ukoll fl-2005. Fil-Beliże, il-Ġamajka u s-Surinam qed ikunu introdotti varjetajiet ġodda ta' banana li jirreżistu aħjar mard bħalma hija s-Sigatoka s-Sewda.

- Investimenti biex jinkiseb jew jinżamm l-EUREGAP u/jew iċ-ċertifikat ta' kwalità ISO 14001 fil-Beliże, il-Kamerun, il-Kosta ta' l-Avorju, il-Ġamajka u s-Surinam. Dawn l-istandards ta' kwalità huma imposti mix-xerrejja bl-ingrossa l-kbar Ewropej.
- Trattament, imballaġġ u ħżin tal-banana fil-Kamerun, il-Kosta ta' l-Avorju u s-Surinam.
- Infrastrutturi soċjali fil-pjantaġġuni u mikro-proġetti soċjali għall-ħaddiema tal-pjantaġġuni fil-Kamerun u l-Kosta ta' l-Avorju.
- Assistenza teknika għall-Beliże, il-Kamerun u l-Ġamajka, iffokata l-aktar fuq l-iżvilupp rurali u t-tiżiħ istituzzjonali.

Taħt l-SFA 2005 Santa Luċija talbet li tuża 30% ta' l-allokazzjoni tagħha għat-taħriġ u l-assistenza teknika biex tappoġġa l-bqija tas-settur ta' l-esportazzjoni tal-banana. Minkejja l-programmi li jappoġġaw l-kompetittività ta' l-esportazzjonijiet tal-banana ħadu kważi 50% ta' l-allokazzjoni disponibbli fl-2005, fl-2006 il-figura niżlet għal 39% li hi simili għall-perċentwali tal-perjodu ta' wara s-sena 2000 (ara l-Anness 1). Il-ħames pajjiżi kollha li jappoġġaw dan l-għan kienu kapaċi jżommu jew iżidu l-kwantitajiet tal-banana esportata lejn il-KE matul il-perjodu 2003 sa l-2006.




6.3. Diversifikazzjoni

L-għan tad-diversifikazzjoni ntgħażel minn seba' pajjiżi fl-2005 u l-2006 (l-Kap Verde, Dominika, l-Grenada, l-Madagaskar, is-Somalja, Santa Luċija, u San Vinċenz u l-Grenadini). Dawn il-pajjiżi jew waqfu jesportaw jew raw l-esportazzjoni tal-banana tagħhom tonqos b'mod sostanzjali bejn l-1990 u l-2000. Ħadd minnhom ma kien kapaċi jirkupra s-swieq matul il-perjodu 2003 sa l-

2006. L-attivitajiet ippjanati jkopru firxa wiesgħa ta' setturi ekonomiċi u tipi ta' investimenti, iżda kollha għandhom l-għan li jipprovdu lill-(ex-)bdiewa u ħaddiema tal-banana aċċess għal sorsi alternattivi ta' dħul finanzjarju. Ittawlet ukoll id-durata tal-programmi li saret tipikament durata ta' bejn erba' u ħames snin peress li jieħdu aktar żmien biex jiksbu l-impatt sħiħ tagħhom. Il-programmi għall-2005 u l-2006 jinkludu:

- It-taħriġ vokazzjonali, inkluż taħriġ ta' qari u kitba għall-adulti, biex itejbu l-possibbiltà ta' xogħol għall-ex-bdiewa u ħaddiema tal-banana fis-setturi tas-servizzi fil-pajjiżi tal-Karibew tal-Lvant.
- Id-Diversifikazzjoni agrikola lejn l-ortikultura li timmira s-suq l-lokali fil-Madagaskar u l-industrija tat-turiżmu u s-swieq lokali fil-Karibew tal-Lvant. Ex-esportaturi tal-banana fil-Ġamajka qed jingħataw għajna biex jiddiversifikaw għall-produzzjoni tal-banana u l-pjantaġġini għas-suq lokali (il-Ġamajka tikkonsma mal-100 000 tunnellata kull sena ta' banana friska u proċessata u pjantaġġini). Appoġġ għad-diversifikazzjoni agrikola tinkludi t-tisħiħ ta' servizzi ta' estensjoni agrikola provduta mill-Ministeri ta' l-Agricoltura.
- It-tisħiħ tat-turiżmu u/jew s-settur privat in ġenerali fil-Karibew tal-Lvant.
- L-iżvilupp rurali f'żoni li tradizzjonalment jipproduċu l-banana fil-Beliże, Kap Verde, il-Ġamajka u s-Somalja (inklużi investimenti f'irrigazzjoni fuq skala żgħira).
- L-assistenza teknika u appoġġ istituzzjonali fis-seba' pajjiżi kollha.



Pajjiż

6.4. Impenji u Ħlasijiet

B'mod ġenerali l-implimentazzjoni tal-programmi tibqa' lura. Tmiena u erbgħin fil-mija biss tal-fondi kollha allokati intużaw għal xogħlijiet, provisti u kuntratti ta' servizz jew għotjiet filwaqt li tħallsu biss 35%. Għall-programmi deċiżi bejn l-1999 u l-2005, għalhekk, madwar €150 miljun għad iridu jiġu kkuntrattati (RAC) u madwar €186 million għad irid jitħallsu (RAL).

	EUR
ALLOKAZZJONIJIET TOTALI KARIBBEW + AFRIKA 1999 - 2005	286.865.000,00
	EUR
IMPENJI KARIBBEW + AFRIKA 1999 - 2005	136.497.654,09
	EUR
PAGAMENTI KARIBBEW + AFRIKA 1999 - 2005	100.798.874,22
	EUR
RAC KARIBBEW + AFRIKA 1999 - 2005	150.367.345,91
	EUR
RAL KARIBBEW + AFRIKA 1999 - 2005	186.066.125,78

It-Tabella 2 tippreżenta l-progress għal kull sena ta' allokazazzjoni.


Tabella 2: Status Finanzjarju skond kull sena ta' allokazazzjoni							
Il-pajjiżi kollha	Sena	Allokazzjonijiet (€)	Impenji (€)	Pagamenti (€)	RAC (€)	RAC %	RAL (€)
	1999	44.500.000,00	41.674.389,15	38.775.116,57	2.825.610,85	6%	5.724.883,43
	2000	44.475.000,00	29.092.520,01	26.724.232,22	15.382.479,99	35%	17.750.767,78
	2001	43.000.000,00	27.538.027,55	18.358.707,14	15.461.972,45	36%	24.641.292,86
	2002	44.500.000,00	20.691.397,47	9.962.299,53	23.808.602,53	54%	34.537.700,47
	2003	39.500.000,00	11.165.678,00	5.328.709,06	28.334.322,00	72%	34.171.290,94
	2004	37.290.000,00	5.463.873,41	2.508.005,01	31.826.126,59	85%	34.781.994,99
	2005	34.500.000,00	2.107.500,00	177.000,00	32.392.500,00	94%	34.323.000,00
	2006	30.690.000,00	0,00	0,00	30.690.000,00	100%	30.690.000,00
Sotto-total mingħajr l-2006		287.765.000,00	137.733.385,59	101.834.069,53	150.031.614,41	52%	185.930.930,47
Allokazzjonijiet tal-pajjiżi u studji							

L-allokazzjonijiet għall-2006 huma inklużi fit-Tabella 2, iżda għadjarba l-Ftehimiet ta' Finanzjament għad iridu jkunu ffirmati, mhumiex inklużi fit-titoli parzjali. B'mod partikulari, il-programmi deċiżi wara l-introduzzjoni tar-Regolament Finanzjarju fl-2003 qegħdin tard.

Tabella 3: Status Finanzjarju skond il-Pajjiż						
	Allokazzjonijiet (€)	Impenji (€)	Pagamenti (€)	RAC (€)	RAC %	RAL (€)
Belize	21.770.000,00	11.801.831,80	8.731.223,40	9.968.168,20	46%	13.038.776,60
Ġamajka	33.640.000,00	19.784.450,02	16.540.148,01	13.855.549,98	41%	17.099.851,99
Dominika	41.810.000,00	18.319.854,00	9.920.793,04	23.490.146,00	56%	31.889.206,96
Sta Luċija	56.805.000,00	23.443.666,49	20.338.125,37	33.361.333,51	59%	36.466.874,63
St Vincent	40.510.000,00	11.308.278,00	7.134.508,99	29.201.722,00	72%	33.375.491,01
Grenada	4.000.000,00	2.349.639,83	1.777.643,45	1.650.360,17	41%	2.222.356,55
Suriname	17.470.000,00	10.577.607,23	7.464.445,75	6.892.392,77	39%	10.005.554,25
Sub-total Caribbean	216.005.000,00	97.585.327,37	71.906.888,01	118.419.672,63	55%	144.098.111,99
Kamerun	35.200.000,00	18.503.298,46	16.401.755,40	16.696.701,54	47%	18.798.244,60
Kosta ta' l-Ivorju	21.730.000,00	10.001.282,00	8.309.891,55	11.728.718,00	54%	13.420.108,45
Somalja	9.830.000,00	9.293.966,26	3.672.573,26	536.033,74	5%	6.157.426,74
Kap Verde	2.100.000,00	613.780,00	107.766,00	1.486.220,00	71%	1.992.234,00
Madagaskar	2.000.000,00	500.000,00	400.000,00	1.500.000,00	75%	1.600.000,00
Sotto-total Afrika	70.860.000,00	38.912.326,72	28.891.986,21	31.947.673,28	45%	41.968.013,79
TOTAL GLOBALI	286.865.000,00	136.497.654,09	100.798.874,22	150.367.345,91	52,4%	186.066.125,78

L-istatus finanzjarju ta' kull pajjiż, kif preżentat fit-Tabella 3, juri varjetà kbira bi kważi l-fondi kollha impenjati f'kuntratti għas-Somalja u ¼ minnhom biss impenjati għall-Madagaskar u Kap Verde. Il-programmi deċiżi għall-pajjiżi tal-Karibew tal-Lvant, li kollha jappoġġaw id-diversifikazzjoni, juru l-akbar dewmien. Madankollu, bl-adattamenti għall-programmi kważi kollha lesti u r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni mgħoddija lid-Delegazzjonijiet, l-eżekuzzjoni tal-programmi rkuprat. Kif turi t-Tabella 3, għall-2006 l-ammonti impenjati f'kuntratti u mħallsin sa l-aħħar ta' Ottubru tjeibu sostanzjalment meta mqabbla mas-snin preċedenti. Il-Kummissjoni tittama li tirkupra parti mid-dewmien matul is-sentejn li ġejjin.

Fil-valutazzjoni ta' l-SFA imsemmija fis-sezzjoni 7, it-tqabbil ta' l-eżekuzzjoni finanzjarju tad-diversifikazzjoni u l-attivitajiet tal-kompetittività f'termini ta' ħeffa juri li dawn ta' l-aħħar marru aħjar. L-analiżi ta' l-eżekuzzjoni tal-programmi sallum turi li l-isforzi fit-tul meħtieġa mis-settur tal-banana ma jadattawx ruħhom faċilment għall-ħtieġa skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill biex ikollhom il-programmi ta' appoġġ deċiżi kull sena. Barra minn hekk, il-bżonn li jkunu aġġustati l-modalitajiet tal-programm wara l-introduzzjoni tar-Regolament Finanzjarju temporanjament naqqas l-attivitajiet u għalhekk l-impatt tal-programmi. Madankollu, il-parti l-kbira tal-problemi operattivi li nqalgħu nstabilhom soluzzjoni fl-2005. Dan ikkontribwixxa għal aċċelerazzjoni b'saħħitha tal-programmi fl-2006.



7. VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT TAL-QAFAS SPEĊJALI GĦALL-GĦAJNUNA (L-SFA)

7.1. Ġenerali

Twettqet valutazzjoni esterna ta' l-iskema bejn tmiem l-2005 u l-bidu ta' l-2006⁶. Kien possibbli li jkunu skrutinizzati l-interventi f'disa' pajjiżi ta' l-AKP (Il-Belize, il-Kamerun, il-Kosta ta' l-Avorju, Dominika, il-Grenada, il-Ġamajka, Santa Luċija, San Vinċenz u l-Grenadini u s-Surinam) għadarba f'dawn il-pajjiżi kienet reġistrata b'mod ġenerali aċċellerazzjoni qawwija fl-attivitajiet tal-proġetti fil-perjodu 2003-2005, filwaqt li t-tliet benefiċjarji l-oħra (Kap Verde, il-Madagaskar u s-Somalja) kienu għadhom ma bdew l-ebda investiment taħt l-SFA fil-bidu ta' l-istudju.

7.2. Relevanza ta' l-istrategġija tal-pajjiżi taħt l-SFA

L-istrategġija fuq medda medja sa twila ta' żmien (kif espressi fid-Dokumenti dwar l-Istrategġija tal-Banana), li kienu qablu magħom il-benefiċjarji ta' l-AKP u li jiffurmaw il-bażi tal-programmi maqbula kull sena mal-gvernijiet tagħhom, instabu relevanti. Dawk l-Istati li għażlu li jappoġġaw l-kompetittività tas-setturi tal-banana tagħhom kienu kapaċi jżommu jew iżidu l-kwantità tal-banana esportata lejn il-KE, anke fl-ewwel ftit xhur ta' l-2006. Dawk li għażlu li jappoġġaw id-diversifikazzjoni raw l-esportazzjoni tal-banana tagħhom (il-*Windwards* kienu qed jesportaw madwar 191 000 tonnellata b'kollox fl-1996 u 79 000 tonnellata biss fl-2004) u s-sehem fis-suq ikomplu jitherrew matul il-perjodu 1996-2004. Każ speċjali hu l-Ġamajka li tappoġġa ż-żewġ għanijiet.

⁶ in-Nru tas-CRIS tal-kuntratt 2005/102-529.

Dawn l-istrateġiji nstabu wkoll li huma koerenti ma' l-istrateġiji ta' żvilupp tal-pajjiżi rispettivi ta' l-AKP u l-istrateġiji ta' appoġġ li l-Kummissjoni kienet qabliet magħhom fid-Dokumenti Nazzjonali dwar l-Istrateġiji.

B'mod ġenerali, l-istrateġiji ta' 2003-2006 (bażi għall-ftehimiet ta' finanzjament li skondthom huma mnedija l-investimenti), jirriflettu f'mod aktar koerenti it-tibdiliet nazzjonali u internazzjonali u l-prospetti futuri tas-suq Komunitarju tal-banana. Din il-konsiderazzjoni hija valida aktar minn qatt qabel għal dawg il-pajjiżi li b'fehma soda jimmiraw li jtejbū l-kompetittività tas-setturi nazzjonali tal-banana: Il-Kamerun, il-Kosta ta' l-Avorju, il-Beliże u s-Surinam.

7.3. L-impatti ta' l-SFA fuq is-settur tal-banana.

F'dawg il-pajjiżi fejn, matul il-perjodu ta' qabel l-investimenti ta' l-SFA, is-settur tal-banana kiber jew baqa' stabbli, l-SFA kellu impatt fuq it-tisħiħ tal-produttività u l-effiċjenza u t-tnaqqis fl-ispejjeż. Dan hu l-każ kemm tal-Kamerun kif ukoll tal-Kosta ta' l-Avorju. Hawn, is-settur huwa dejjem aktar konċentrat u dipendenti fuq il-preżenza tal-kumpaniji tal-produzzjoni ta' dawg medju sa kbir u/jew kumpaniji kummerċjali (multinazzjonali jew le). L-SFA kellu impatt apprezzabbli fuq il-produzzjoni u l-organizzazzjoni tas-settur li diġà kienu tajbin. Għall-Kamerun, id-data turi li ir-rata tar-rendiment medju kibret bi 13.9% meta l-perjodu 1994-98 jitqabbel ma' l-2002-04; l-esportazzjonijiet żdiedu b'20% bejn l-1998 u l-2003; in-numru ta' ħaddiema impjegati għal kull 1000 tunnellata naqas minn 50.78 fl-1998 għal 40.77 fl-2003; u għal kumpanija speċifika l-ispejjeż tal-prodott imballat inxtorob bi 12.8% bejn l-2000 u l-2005. Fil-Kosta ta' l-Avorju, kien diġà sar progress sostanzjali fil-perjodu 1991-99, bl-esportazzjonijiet jiċċaqalqu minn 118 400 tunnellata prodotta fuq wiċċ ta' 12 000 ettaru fl-1991 għal 217 500 tunnellata prodotta fuq wiċċ ta' 5 493 ettaru fl-1999. Aktar titjib deher fil-perjodu 1999-2004, bl-esportazzjonijiet jilhq 229 000 tunnellata, prodotta fuq wiċċ ta' 5 120 ettaru fl-2004. Bl-istess mod, ir-rata tar-rendiment kienet ta' 9.9 tunnellata kull ettaru fl-1991, 39.6 tunnellata kull ettaru fl-1999, u 41.7 tunnellata kull ettaru fl-2004.

L-adattament ta' l-istrateġiji ta' l-SFA fil-kuntest u l-karatteristiċi strutturali tas-settur kellu riżultati tajbin kemm fil-Beliże kif ukoll fis-Surinam, fejn l-SFA kellu sehem fundamentali fil-qawmien tas-settur. Fil-Beliże, wara l-urugan Iris, li qered il-pjantaġġuni kollha fl-2001, il-produzzjoni telgħet minn 472 kaxxa kull ettaru fl-2001 għal 760 kaxxa kull ettru fl-2004. Fis-Surinam, wara l-kriżi u l-għeluq ta' l-impjant fl-2002-2003, il-produzzjoni niżlet minn 15.7 tunnellata kull ettaru fl-2001 għal 14.5 tunnellata kull ettaru fl-2004, iżda rkuprat b'mod qawwi għal 34.8 tunnellata kull ettaru fl-2005.

Barra minn hekk, it-titjib fil-kompetittività (imkejla skond ix-xejriet ta' l-esportazzjoni totali u l-pożizzjonament fis-suq Komunitarju), miksub parzjalment minħabba l-investimenti ta' l-SFA biex tiżdied il-produttività (imkejla f'termini tat-titjib fir-riżultati u l-produttività tax-xogħol, flimkien ma' l-ispejjeż tal-produzzjoni li qed jonqsu), kellu konsegwenzi pożittivi għall-impjeg fis-settur tal-banana, b'mod partikulari għall-Kamerun, is-Surinam u l-Beliże.

Fil-Ġamajka, l-SFA intuża biex jappoġġa l-kompetittività ta' dawk il-kumpaniji li baqgħu fis-settur ta' l-esportazzjoni tal-banana, permezz ta' strateġija ta' assistenza teknika mfassla tajjeb li tiffoka fuq il-kwalità kummerċjali tal-prodott. L-ewwel effetti tagħha jistgħu jidhru fl-evoluzzjoni ta' l-indikaturi tal-kompetittività. L-SFA ippromwova wkoll attivitajiet (iffinanzjati kemm taħt l-għan tal-kompetittività kif ukoll l-għan tad-diversifikazzjoni) li l-mira tagħhom kienet li jappoġġaw il-produtturi fiċ-ċaqliqa tagħhom għas-suq lokali u għall-pjantaġġini, b'riżultati pjuttost ta' suċċess.

Fil-Gżejjer tar-Riĥ, wara l-fokus inizjali fuq il-programmi parzjalment immirati lejn it-titjib tal-kompetittività tas-settur tal-banana, kien hemm ċaqliq progressiv lejn proġetti orjentati b'mod ċar favur id-diversifikazzjoni. Minkejja li n-nuqqasijiet tas-settur tal-banana tal-Gżejjer tar-Riĥ u il-livell dejjem jiżdied tal-kompetizzjoni fis-suq tal-KE propabbilment kienu sottovalutati meta tfasslet l-istrateġija inizjali, din il-bidla kienet riżultata ta' kuxjenza gradwali fil-Gżejjer tar-Riĥ tal-bżonn tal-bidla fil-qofol ta' l-iżvilupp ekonomiku fil-gżejjer. Madankollu, minkejja n-niżla ġenerali sa mis-snin disgħin, is-settur tal-banana tal-Gżejjer tar-Riĥ jibqa' preżenti fi swieq speċifiċi tal-KE. Element ewlieni ta' dan is-suċċess relattiv ta' l-istrateġija tal-Gżejjer tar-Riĥ għas-settur tal-banana tagħhom kien l-orjentament lejn is-suq ta' kummerċ ġust. Minkejja li l-SFA appoġġa s-settur tal-banana b'mod ġenerali, s'issa l-ebda proġett ma kien ippreżentat biex jappoġġa direttament dak l-aspett ta' l-istrateġija tagħhom.

Tajjeb li wieħed jinnota r-relazzjoni bejn l-SFA u l-kwalità kummerċjali. Fil-Ġamajka, il-Beliż u l-Kamerun, matul il-perjodu eżaminat, il-fondi ta' l-SFA intefgħu fuq strateġija kummerċjali li timmira li tikseb l-EUREPGAP (l-istandard għall-bejjieġha bl-ingrossa Ewropej ibbażat fuq kriterji ambjentali u soċjali) u ċ-Ċertifikat ISO14001 (ġestjoni ambjentali). Kwalità ċertifikata hija ħtieġa li qed issir aktar importanti fil-kummerċ bl-ingrossa, speċjalment fis-suq Komunitarju. Dawn l-investimenti, iffinanzjati mill-SFA bil-ħsieb li jinkiseb iċ-ċertifikat, kellhom impatt pożittiv fit-titjib kemm ta' l-aspetti ambjentali kif ukoll il-kondizzjonijiet tax-xogħol soċjo-ekonomiċi fil-pjantaġġuni, flimkien mat-tisħiħ tal-pożizzjoni tas-settur fil-katina -.

7.4. Impatti fuq id-diversifikazzjoni ta' l-ekonomiji u l-kondizzjonijiet soċjali

Minkejja li għadu kmieni għal valutazzjoni ġenerali, l-istudju ta' impatt wera li l-attivitajiet ta' diversifikazzjoni ffinanzjati fil-perjodu 1999 sa l-2004 kellhom riżultati mħallta. B'mod ġenerali, madankollu, jista' jingħad li l-attivitajiet ta' diversifikazzjoni taħt l-SFA jidhru li kellhom impatt soċjali, għaliex il-proġetti u l-infrastrutturi soċjali li ffinanzjaw kellhom l-għan li jtejbu l-kondizzjonijiet ta' għajxien tal-populazzjoni effettwata bit-tnaqqis tas-settur tal-banana.

8. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

Fl-analiżi tagħha tal-qagħda preżenti fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-SFA, il-Kummissjoni tirrikonoxxi d-diffikultajiet li nstabu fl-implimentazzjoni ta' dan l-istrument. Madankollu, ħafna mill-problemi operattivi li kienu affaċċjati li kellhom x'jaqsmu mar-Regolament Finanzjarju kienu solvuti fl-2005, u dan ikkontribwixxa favur aċċellerazzjoni qawwija tal-programmi fl-2006. Il-Kummissjoni se tkompli tagħmel l-isforzi kollha biex taċċellera aktar l-eżekuzzjoni filwaqt li tiżgura l-kwalità ta' l-interventi.

Meta wieħed iqis il-komplessità ta' l-iskema u r-restrizzjonijiet li jħabbtu wiċċhom magħhom ħafna benefiċjarji, ir-rakkomandazzjoni hi li tissaħħaħ l-assistenza kemm għall-organi tekniċi responsabbli mill-implimentazzjoni fuq il-livell lokali u kif ukoll għar-reċevituri finali. Dan l-appoġġ tekniku għandu jiffoka fuq il-problemi amministrattivi u proċedurali u ovvajment jinħtieġ għarfien espert kwalifikat ħafna.

Fir-rigward ta' l-allokazzjoni tal-baġit bejn il-pajjiżi benefiċjarji, il-valutazzjoni tenfasizza l-iżvataġġi ta' l-użu tal-prezzijiet taċ-CIF biex titkejjel id-differenza fil-kompetittività. Madankollu, billi wara kollox l-SFA se jieqaf fi tmiem l-2008, mhux fl-interess ta' amministrazzjoni tajba li tkun ikkonsiderata bidla f'dan qasam issa.

Finalment, f'termini ta' impatti ta' l-SFA fuq is-sitwazzjoni soċjo-ekonomika tas-settur tal-banana u l-pajjiżi konċernati, il-valutazzjoni wriet li għadu kmieni wisq biex jitkejlu l-impatti ta' l-SFA fuq id-diversifikazzjoni ta' l-ekonomiji konċernati. L-impatt kien b'mod ġenerali sodisfaċenti għall-programmi li mmiraw is-settur tal-banana fejn il-kondizzjonijiet għall-kompetittività kienu raġonevolment favorevoli. Madankollu, l-SFA jista' jitgħallem minn esperjenzi oħra relattivament ta' suċċess, bħalma hija l-konverżjoni tal-Gżejjer tar-Riħ għal suq ta' kummerċ ġust, bħala opportunità għall-intrapriżi żgħar biex jissoppravivu l-kompetizzjoni tas-suq globali.

Pajjiż	Tisħiħ tal-Produttività (I)																
	1999		2000		2001		2002		2003		2004		2005		2006		Total
	Ammont	Tip	Ammont	Tip	Ammont	Tip	Ammont	Tip	Ammont	Tip	Ammont	Tip	Ammont	Tip	Ammon t	Tip	
Il-Beliże	3,10	(1)	3,10	(2/6)	3,00	(1)	2,70	(2/3)	3,20	(2/11/14)	2,93	(2/11/14)	2,49	(4/7/14)	1,22	(2,3,14)	21,74
Il-Kamerun	6,20	(1/2/5/1 1)	5,70	(1/2/5/11)	5,60	(1/2/5/11)	5,10	(1/2/5/ 11)	4,50	(1/2/3/5/ 6/11)	4,38	(1/2/3/5/6/11)	3,72	1/2/5/6/9)	3,21	(1,2,3,5,6,1 1,14,20)	38,41
Cape Verde															0		0,00
Dominika	5,49	(1/14)	5,23	(1/14)	0,00	(-)	0,00	(-)	0,00	(-)	0	(-)	0	(-)	0	(-)	10,72
Granada	0,94	(1/5/8/1 4)	0,50	(1/14)	0,00	(-)	0,00	(-)	0,00	(-)	0	(-)	0	(-)	0	(-)	1,44
Il-Kosta ta' l-Avorju	4,32	(1/2/5/1 4)	4,05	(1/2/5/9/1 4)	2,60	(1/2/5/9/1 4)	2,60	(6/7/14)	2,10	(1/2/5/9/ 14)	1,38	(5/9/12/14)	3,75	(6/9)	4,12	(5,11)	24,92
Il-Ġamajka	5,30	(3/5/6/1 2)	5,30	(1/2/3/4/5/ 6/8)	3,47	(10)	2,90	(1/2)	2,75	(1/12/14)	2,42	(1/12/14)	2,45	(12/14)	1,75	(2,12,14)	26,34

Il-Madagaskar	0,00		0,00		0,00		0,00		0,00		0		0		0		0,00
Santa Luċija	4,69	(1/14)	4,96	(1/14)	0,00	(-)	0,00	(-)	0,00	(-)	0	(-)	1,45	(12/14)	0	(-)	11,10
San Vinċenz u l-Grenadini	1,26	(5/14)	0,80	(5/14)	0,00	(-)	0,00	(-)	0,00	(-)	0	(-)	0	(-)	0	(-)	2,06
Is-Somalja															0		0,00
Is-Surinam	3,10	(1/14)	2,70	(1)	2,70	(1)	2,50	(1)	2,20	(1/5)	2,31	(1/12/14)	1,96	(1)	1,67	(2,3,22)	19,14
TOTAL	34,40		32,34		17,37		15,80		14,75		13,42		15,82		11,97		155,87

Diversifikazzjoni (II)																		TOTAL I u II
Pajjiż	1999		2000		2001		2002		2003		2004		2005		2006		Total	
	Ammont	Tip	Ammont	Tip	Ammont	Tip	Ammont	Tip	Ammont	Tip	Ammont	Tip	Ammont	Tip	Ammont	Tip		
Il-Beliże					0,45	(9/10)	0,80	(7)							0,89	(9,12,13)	2,14	23,88
Il-Kamerun															0,00		0,00	38,41
Cape Verde	0,50	(7)					0,50	(7)	0,50	(7/14)	0,50	(7/14)	0,5	(7/12)	0,5	(7,12)	3,00	3,00
Dominika	1,01	(7/10)	1,27	(7/10)	6,70	(7/10/11)	6,40	(10/14)	5,90	(17/18)	5,30	(15/19)	4,51	(16)	3,83	(13/14/17)	34,92	45,64
Granada	0,06	(14)	0,00	(-)	0,50	(10)	0,50	(10)	0,50	(12/13/14)	0,50	(15)	0,5	(15/16)	0,5	(13/14)	3,06	4,50
Il-Kosta ta' l-Avorju	0,38	(7/14)	0,30	(7/14)	0,25	(7/14)									0,00		0,93	25,85
Il-Ġamajka					1,53	(14)	1,80	(7)	1,65	(7/14)	2,42	(7/14)	1,65	(12/14)	1,75	(7,12,14)	10,80	37,14
Il-Madagaskar	0,00		0,00		0,00		0,50	(7)	0,50	(7)	0,50	(7)	0,5	(7/12)	0,5	(7)	2,50	2,50
Santa Luċija	3,81	(7/11)	3,92	(7/11)	9,20	(7/9/10/11/13/14)	8,80	(7/9/10/11/13/14)	8,00	(20)	7,26	(7/11/12/14)	3,06	(7/11/15/20)	5,41	(7/11/13/14/21)	49,46	60,56
San Vinċenz u l-Grenadini	4,84	(8/14)	5,65	(8/14)	6,40	(8)	6,10	(11/14)	5,60	(11/14)	5,33	(15)	4,53	(16)	3,85	(14/17)	42,30	44,36

Is-Somalja					0,60	(14)	2,80	(1/7)	2,60	(1/7/14)	2,07	(1/7)	1,76	(7/13)	1,5	1/7	11,33	11,33
Is-Surinam																	0,00	19,14
TOTAL	10,60		11,14		25,63		28,20		25,25		23,88		17,01		18,73		160,44	316,31
% ta' diversifikazzjoni	24%		26%		60%		64%		63%		64%		52%		61%		51%	
	45,00		43,48		43,00		44,00		40,00		37,30		32,83		30,70		316,31	

Noti dwar it-Tabella tat-Tkabbir tal-Produttività u d-Diversifikazzjoni:

- 1 IRRIGAZZZJONI U DRENAĠĠ
- 2 TIĠDID TAL-PJANTAĠĠINI
- 3 TRATTAMENT FITO-SANITARJU
- 4 FERTILIZZANTI
- 5 IMBALLAĠĠ
- 6 FRIŻA
- 7 ŻVILUPP AGRIKOLU/RURALI
- 8 TOROQ
- 9 INFRASTRUTTURA SOĠJALI
- 10 MIKRO-KREDITU
- 11 PROĠETTI SOĠJALI
- 12 TAĦRIĠ
- 13 APPOĠĠ ISTITUZZJONALI
- 14 ASSISTENZA TEKNIKA
- 15 SETTUR PRIVAT
- 16 ICT
- 17 TURIŻMU
- 18 L-ILMA
- 19 INFRASTRUTTURA
- 20 AMBJENT
- 21 ENERĠIJA
- 22 STALLAZZJONIJIET TAL-FUNIKULAR